Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 440 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Fr. Michael Camilleri

Alfred Grixti

Illum 26 ta' April, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Fr. Michael Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 110966 M u Alfred Grixti detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 112262 M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigi akkuzat Fr. Michael Camilleri fil-kapacita' tieghu personali u / jew bhala Superjur ta' St. Domenic' s Priory u / jew Chairman ta' Porto Salvo & St. Domenic' s Foundation u Alfred Grixti fil-kapacita' tieghu personali u / jew Segretarju ta' St. Domenic' s Foundation u klijenti li ghalihom qieghed isir ix-xoghol f' St. Domenic' s Priory, Triq San Duminku kantuniera ma Triq il-Merkanti, Valletta nhar is-27 ta' Mejju, 2016 u / jew fil-granet ta' qabel;

1) Naqsu milli jahtru supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni;
2) Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jikkomunikaw avviz bil-quddiem lill-Awtorita' ta' lanqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba jibda xi attivita' ta' xoghol fuq il-progett, kopja ta' l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b' mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggomata perjodikament;
3) Akkuztai wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu li jizguraw li qabel ma jibda x-xoghol fuq is-sit ta' kostruzzjoni, isir pjan ta' sahha u sigurta';
4) Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jobdu ordni ta' ufficjal, ordni moghtija bil-miktub li ggib id-data tat-8 ta' Gunju 2016;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3 (1), 4 (1), 4 (2), ta' A.L. 281/2004 (S,L. 424.29) tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 (1) ta' Att XXVII/2000 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberhom rninn kull akkuza.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellati hatja tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghhom u konsegwentement tinfliggi piena ekwa u gusta konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2017 l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni, applikazzjoni u interpretazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi kif ukoll apprezzament zbaljat tal-provi li kawza t' hekk wassal sabiex l-imputati gew illiberati mill-akkuzi dedotti kontrihom. Dan ghaliex, l-esponent giet infurmata mill-Ufficjal Prosekutur, li r-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti li wassal ghal-liberazzjoni tal-imputati kien li t-triq indikata fic-citazzjoni ma kinetx taqbel ma' dak li rrizulta mill-provi u ghalhekk it-triq ma kienetx indikata b' mod korrett fic-citazzjoni. Dan hekk kif waqt is-seduta d-difiza qajmet il-punt li fis-27 ta' Mejju 2016 kien qieghed isir xoghol f' St Domenic' s Priory gewwa Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku, Valletta u mhux f' St Domenic' s Priory gewwa Triq San Duminku kantuniera ma' Triq il-Merkanti, Valletta;

Illi l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jistipula x' ghandu jkun fiha c-citazzjoni:

> Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok lii jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b' mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Illi hawnhekk huwa tajjeb li wiehed jara x' inhi n-natura, funzjoni, sinjifikat u l-effetti legali tac-citazzjoni. Ic-citazzjoni hi semplidement 'avviso a comparire', u cioe' ordni sabiex l-imputati jidhru quddiem il-Qorti, u biex ikunu jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Tajjeb li wiehed jaccenna ghall-fatt li kemm il-ligi u kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista' jkun, ikunu prattici fl-applikazzjoni tal-artiklu sucitat u ma riedux jintilfu fuq kwistjonijiet, formalizmi u problem teknici u procedurali, a skapitu li ssir gustizzja. Ghal dan il-ghan tajjeb li wiehed jirrimarka li fis-sistema procedurali

Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq ix-xhieda viva voce, fil-prezenza tal-imputati, u mhux konfinat, ristrett u cirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita' tal-prodess kondott viva voce fil-prezenza tal-imputati u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti. Dan il-principju gie ribadit f' diversi sentenzi fejn inghad li c-citazzjoni m' hemmx ghalfejn issir skont xi formula sagramentali bil-precizjoni kollha. F' dan il-kuntest wiehed jista' jaghmel referenza ghas-sentenza Il-PuIizija vs. Frank Borg moghtija 6 ta' Marzu 1954 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal li:

> Il-gudizzji sommarji c-citazzjoni ma hiex hlief ordni ta' komparizzjoni, u l-**<u>enuncjazzioni tal-fatti kontenuti fiha ma hiex il-bazi essenziali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni.</u>** (Enfasi u sottlinear tal-esponent)

Illi fis-sentenza Il-PulizIja vs. Joseph Buttigieg moghtijia nhar il-25 ta' Lulju, 1994 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristalllzzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & CE. (Vol. XXXIII. iv. 758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief awiz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art 360 (1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l' imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l' imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione del fatti che seguono innanzi alla Corte per porte dell' ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll

> l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f' dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il- Pulizija vs Noel Zarb Adami).

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg moghtija nhar l-4 ta' Novembru 1994 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> .....wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien li l-lok, **ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex iidher quddiem il-Qorti tal-Mapistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha. jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li isegwuha, izda ghall-fini tal-praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien. u cioe' biex l-imputat x' hin jidher quddiem il-pont ikun jaf fuq hiex ikun kien imharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzioni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat propjament u verament quddiem il-Qorti. u mhux fic-citazzjoni.** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Joseph Zahra moghtija nhar il-5 t' Awwissu, 2003 Il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f' kull imputazzjoni ma hi xejn cara. **Pero', kif din il-Oorti kellha l-okkazzioni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma iwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anpas ma iwassal necessarjament ghall-liberazzioni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzionijiet, l-**

**imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-Qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li ikun sema' l-provi tal-prosekuzzioni, titlob differiment jew posponiment biex ikun f' posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li isir f' kull kawza** (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377 (1) tal-Kodici Kriminali). S' intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b' cirkospezzjoni kbira u biss f' kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360 (2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe' sabiex l-imputat jigi preparat fl-ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f' dik l-ewwel gurnata tas-smigh. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi minkejja li mir-ritratti esebiti fl-atti processwali[1] jidher li nhar is-27 ta' Mejju, 2016 kien qieghed isir xoghol f' St Domenic' s Priory man-naha li tinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt li fic-citazzjoni hemm miktub li nhar is-27 ta' Mejju, 2016 ix-xoghol kien qieghed isir f' St Domenic' s Priory, Triq San Duminku kantuniera ma' Triq il-Merkanti, Valletta bl-ebda mod ma jwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni u bl-ebda mod ma jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputati. Illi primarjament jigi rilevat li l-mod kif inhi redatta c-citazzjoni tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali. Di piu' jigi rilevat li l-mod kif inhi redatta c-citazzjoni ma tnissel l-ebda dubju jew dilemma fl-imputati dwar il-lok fejn kien qieghed isir ix-xoghol nhar is-27 ta' Mejju, 2016, hekk li c-citazzjoni tindika u tidentifika b' mod li x-xoghol kien qieghed isir f' St Domenic' s Priory, Valletta hekk kif juru r-ritratti esebiti fl-atti processwali li saret referenza ghalihom precedentement. Illi fuq dan il-punt hawnhekk wiehed anke jaghmel referenza ghal mod kif inhi miktuba c-citazzjoni. Fic-citazzjoni hemm miktub t-toroq fejn jinsab St Domenic' s Priory il-Belt Valletta, u cioe' fi Triq San Duminku (hekk li l-bieb principali ta' dan il-kunvent jinsab fi Triq

[1] A fo;.4 et seq tal-atti processwali

San Duminku) kantuniera ma' Triq il-Merkanti. Il-mod kif inhi redatta c-citazzjoni u cioe' "F' St Domenic' s Priory fi Triq San Duminku kantuniera ma' Triq il-Merkanti" turi b' mod car li x-xogholijiet kienu qed isiru fuq il-binja proprja tal-Kunvent ta' San Duminku. Valletta. Illi tajjeb ta' min jirrileva li fil-Belt Valletta hemm kunvent wiehed biss ta' San Duminku. Ghalhekk bl-indikazzjoni tal-lok fic-citazzjoni ta' fejn kien qieghed isir ix-xoghol, u cioe' f' St Domenic' s Priory, huwa bizejjed biex l-imputati jkunu jafu fuq x' hiex qed jigu akkuzati. Hawnhekk non si tratta ta' hafna kunventi ta' San Duminku gewwa l-Belt Valletta li setghu talvolta joholqu dubbju dwar fejn kien qieghed isir ix-xoghol nhar is-27 ta' Mejju 2016!;

Illi ghalhekk ic-citazzjoni hija biss avviz lill-imputati biex huma jidhru l-Qorti u biex ikunu jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Dana sabiex meta jidhru quddiem il-Qorti huma jkunu preparati sabiex jiddefendu ruhhom ghar-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, u hekk billi hija kawza sommarja, iressqu il-kaz u l-provi taghhom fl-ewwel gurnata tas-smiegh. Hekk kif gie ribadit fis-sentenza Il-Pulizija vs. Glenn Debattista moghtija nhar it-23 ta' Dicembru, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> ...ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux u l-bazi ta' l-imputazzjoni; **<u>l-imputazzioni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375...</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet gew formalment maghmula meta nhar it-18 t' Ottubru, 2017, Clint Cachia, ufficjal tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, espona l-fatti tar-reati dedotti kontra l-imputati u ressaq il-provi f' dan ir-rigward. Jekk l-imputati hassew li c-citazzjoni giet redatta b' mod li huma ma setghux jiddefendu ruhhom adegwatament, a skorta tal-gurisprudenza sucitata, huma setghu jgibu dan l-ilment quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha — u allura l-imputati ikunu certament jafu x' inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati — jitolbu differiment jew posponiment biex ikunu

jistghu jippreparaw d-difiza taghhom. Fil-verbal datat 18 t' Ottubru, 2017 imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-imputati ma kienux jafu, jew ma setghux ikunu jafu wara d-deposizzjoni tax-xhud Clint Cachia x' kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront taghhom, u m' hemmx miktub li talbu differiment jew posponiment. L-esponent jirrileva li bir-ragun li lill-verbal imsemmi wiehed ma jsib l-ebda indikazzjoni li l-imputati kellhom xi dubbju dwar fejn kien qieghed isir ix-xoghol nhar is-27 ta' Mejju 2016 hekk li l-lok fejn kien qieghed isir ix-xoghol qieghed identifikat fic-citazzjoni b' mod car bhala St Domenic' s Priory, u ghalhekk l-imputati fl-ewwel gurnata tas-smigh kienu certament jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti wiehed ma jistax jithem kif hija abbraccjat s-sottomissjonijiet tad-difiza li t-triq indikata fic-citazzjoni ma kinetx taqbel ma' dak li rrizulta mill-provi u ghalhekk it-triq ma kinetx indikata b' mod korrett fic-citazzjoni, u dan meta l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati kienu jirreferu ghal binja ta' St Domenic' s Priory;

Illi ghar-rigward tal-erba' imputazzonijiet dedotti kontra l-imputati jibda biex jigi enfasizzat li l-ligijiet li jirregolaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol ipoggu l-oneru tal-prova fuq l-imputati sabiex juru li effettivament ghamlu dak kollu li setghu ragonevolment jaghmlu sabiex jaderixxu mal-obbligi taghhom naxxenti mid-dettami tal-ligijiet li jirregolaw s-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol sabiex jezimu ruhhom mir-responsabbilitajiet tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom. L-imputati fl-ebda hin ma ghamlu dan hekk kif rrizulta mix-xhieda ta' Clint Cachia quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta datat 18 t' Ottubru, 2017 fejn id-difiza iddikjarat li m' ghandhiex provi xi tressaq;

Illi ghar-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputati meta fis-27 ta' Mejju, 2016 l-ufficjal tas-sahha u s-sigurta' ghamel spezzjoni huwa sab lil imputati bhala klijenti kienu naqsu milli jahtru supervisor tal-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputati galadarba ma giex mahtur supervisor tal-progett, allura isegwi li ma giex komunikat avviz bil-quddiem skont Skeda III lill-Awtorita' tal-anqas erba' gimghat kalendarji qabel ma beda x-xoghol. Ghalhekk isegwi li galadarba bdiet l-attivita' ta' xoghol fuq il-progett, il-kopja tal-avviz bil-

quddiem ma kinetx esposta b' mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni fejn jekk kien hemm bzonn din kellha tkun aggornata perjodikament. Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, galadarba ma giex mahtur supervisor tal-progett ghall-istadju tad-disinn, l-imputati naqsu li jizguraw biex qabel ma jibda x-xoghol fuq is-sit tal-kostruzzjoni jaghmlu pjan ta' sahha u sigurta' hekk kif trid il-ligi. Illi ghar-rigward dawn it-tliet imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati, l-esponent jirrileva li nhar it-3 ta' Gunju, 2016 l-ufficjali tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol kellmu lill-imputati fejn dawn tal-ahhar ikkonfermaw li ma kienx inhatar supervisor tal-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni, ma kienx intbaghat l-awiz lill-Awtorita', u kif ukoll ma kienx sar plan ta' sahha u sigurta'. Sussegwentement, nhar it-8 ta' Gunju 2016 l-Awtorita' harget ordni bil-miktub[2] li fiha gie ordnat sabiex jinhatar supervisor tal-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni, jintbaghat l-avviz lill-Awtorita', u kif ukoll sabiex jintbaghat plan ta' sahha u sigurta'. Ghar-rigward ir-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputati, l-imputati naqsu milli jobdu l-ordni bil-miktub tal-ufficjali tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol liema ordni ggib id-data tat-8 ta' Gunju 2016 dan hekk kif huma naqsu milli jattwaw l-ordnijiet bil-miktub tal-ufficjal tas-sahha u s-sigurta'. Ghalhekk, l-imputati naqsu milli jressqu dawk il-provi sabiex fuq bazi ta' probabbilita' juru li huma ghamlu dak kollu li setghu ragonevolment jaghmlu sabiex jaderixxu mal-obbligi taghhom naxxenti mid-dettami tal-ligijiet li jirregolaw s-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-appellati gew illiberati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom. Issa l-Ewwel Qorti ma isemmi l-ebda mottiv li wassalha ghal liberazzjoni taz-zewg imputati. L-Avukat Generali fl-ewwel aggravvju minnu intentat jishaq illi minn informazzjoni li ghaddhielu l-Ufficjal Prosekutur jidher illi l-bazi tal-liberatorja ta'l-imputati, illum appellati, kien il-fatt illi l-post indikat fic-citazzjoni fejn allegatament sehhew l-infrazzjonijiet tal-ligi kif formulati fl-akkuzi, gie indikat erronjament.

[2] L-ordni bil-miktub tinsab esebita a fol. 9 tal-atti processwali.

Illi minn qari tal-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017, ma jirrizultax illi d-difiza qanqlet dina l-eccezzjoni dwar il-validita tac-citazzjoni kif redatta. Jidher illi l-Ewwel Qorti semghet l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni Clint Cachia, liema xhieda din il-Qorti semghet mill-gdid, li ezebixxa xi ritratti tax-xogholijiet ta' restawr li kienu qed isiru u ukoll xi korrispondenza skambjata, rat illi d-difiza ma kellhiex provi xi tressaq u ghaddiet imbaghad ghad-decizjoni taghha, li testwalment tghid hekk:

"**Din il-Qorti mhux issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberhom minn kull akkuza.**"

Issa jekk din kienet il-motivazzjoni singolari li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex tillibera lill-appellati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, kif isostni l-Avukat Generali fl-ewwel aggravvju minnu intentat, allura huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti kellha ragun fil-gudizzju taghha. Ghandu johrog minn qari tac-citazzjoni illi x-xogholijiet mertu tal-kaz allegatament kienu qed isiru gewwa il-fond maghruf bhala St.Dominics Priory, Triq San Duminku kantuniera ma' Triq il-Merkanti gewwa l-Belt Valletta.

Illi mir-ritratti esebieti in atti jidher illi x-xogholijiet fid-data indikata fic-citazzjoni u cioe' nhar is-27 ta' Mejju 2016 kienu qed isiru fil-faccata tal-Knisja u cioe' fil-Bazilika tal-Madonna ta' Porto Salvo u San Duminku. Din il-knisja jew basilika tinsab fil-kantuniera bejn Triq Merkanti u Triq San Duminiku, bil-faccata tifrex ghal fuq Triq il-Merkanti. Dan ifisser allura illi hemm zball fic-citazzjoni billi l-post indikat fejn sehhew l-infrazzjonijiet tal-ligi huwa fuq il-faccata tal-Knisja ta' San Duminku fi Triq il-Merkanti, gewwa l-Belt Valletta.

Illi allura ghalkemm mill-atti ma jirrizultax illi l-liberatorja ta'l-imputati sehhet abbazi ta' dina l-motivazzjoni singolari, huwa evidenti mill-atti illi l-lok indikat fic-citazzjoni fejn allegatament kienu qed isehhu l-infrazzjonijiet tal-ligi huwa zbaljat.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, li kienet titratta dwar il-partikularitajiet taz-zmien fic-citazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. ….. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[3]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Illi kif inghad, din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda ta' Clint Cachia mill-gdid li rega' ikkonferma quddiem din il-Qorti illi meta huwa ghamel l-ispezzjoni mertu tal-kaz ix-xogholijiet kien qed isiru fil-Knisja u mhux kif indikat fic-citazzjoni b'dawn ix-

[3] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)

xogholijiet isiru zmien wara, izda mhux fil-perijodu indikat fl-akkuza. Jidher illi fil-fatt meta saru dawn l-ahhar xogholijiet l-appellanti kienu ottemperaw rwiehhom mal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tichad l-appell u tikkonferma id-decizjoni impunjata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur